L-akbar xhieda li turina l-ġibda u mħabba kbira tiegħu li kellu għall-koltivazzjoni letterarja Maltija hija l-ġabra ċkejkna, iżda wisq għażiża, tal-poeżiji ta' poeti Maltin minnu maqlubin bil-Franċiż bl-isem ta' *Poetes Maltais* maħruġin fi ktieb mill-Editur Armand Guilbert fl-1937. Il-pubblikazzjoni ta' din l-antoloġija qajmet interess kbir f'ġurnali letterarji barranin, fil-Bulgarija, f'Tunes, Bona, Kostantina u Brussels, dwar il-valur letterarju ta' xi poeżiji, tant li Ropa stess kien fuq hekk għarrafna b'dawn l-aħħar kelmiet li bagħat f'ittra: "*Les Poetes Maltais sont maintenant connus et ma tache est accomplit*".

Band'oħra f'"Le Petit Matin" tal-10 ta' April, 1937, dehru xi kommenti dwar "Les Poetes Maltais", fejn intqal "*Grace a M. Armand Guilbert — aide de M. Laurent Ropa, la littersture mondiale s'enrichit d'une langue et d'une ame nouvelles.*"

L-ewwel ktieb ta' poeżiji bil-Franċiż li kiteb Ropa iddedikah lil martu taħt l-isem ta' *Notre Dame de la Vie* li kiteb fl-1945. Wara dan id-daqsxejn ta' ktieb, Ropa kiteb u ħareġ żewġ kotba oħra ta' versi bil-Franċiż: *Le Jardin de L'Allelik* (1950) li tiegħu kienet saret reċensjoni f'*Il-Malti* (*Set.* 1951) u *La Priere A Hippone* (1955).

Il-poeżija ta' Ropa hija oriġinali u immaġinativa bi kliem sempliċi, bi ħsieb sintetiku, metaforiku u għoli, mibni fuq ix-xenarju tal-ġmien tan-natura, imżewqa b'ħolm, tamiet u mħabba.

Barra mir-rumanz "Le Chant de la Noria" (1932) huwa kiteb u ħareġ tnejn oħra: *Kaline* (1936) wieħed u *Bou-Ras* (1945) l-ieħor. Fl-ewwel wieħed huwa daħħal persunaġġi Maltin, bħal fl-ewwel rumanz li kien kiteb, emigranti fl-Afrika ta' Fuq, b'xi episodji romantiċi, wera li, għalkemm kien ilu nieqes minn art twelidu minn mindu kellu sentejn, huwa kien iħoss f'demmu li hu Malti u li jħobb jikteb fuq nies ta' nisel pajjiżu. It-tieni wieħed: *Bou-Ras*, huwa suġġett simboliku li jistaħreġ it-twegħir li tiltaqa' miegħu r-ruħ meta tfittex tinfired mid-dinja u togħla bil-ħsieb lejn il-Mulej.

Snin ilu Ropa kien bil-ħajra li joħroġ antolġija sħiħa maqluba bil-Franċiż li fiha tkun tidher fil-wisa' l-kitba tal-poeti Maltin, xjuħ u ġodda li s'issa żejnu bil-pinna tagħhom il-paġni tal-letteratura Maltija, iżda, imħabba xi xkiel fl-ispiża għolja ta' l-istampa, dan il-ħsieb hekk mixtieq minn Ropa ma satax jitwettaq.

Aħna, li għalkemm bosta minna ma kellniex ix-xorti li nafuh ħlief mix-xogħlijiet tiegħu fejn wera l-għożża tiegħu lejn art Twelidu u l-Ilsien Malti, ma nistgħux ma nġibux quddiem għajnejna, u nibqgħu niftakruh, bħala wieħed mill-egħżeż ħabib tal-kitba Maltija tagħna.

Hekk ukoll nittamaw li f'Art Twelidu ismu u l-ħidma tiegħu għall-ġieħ ta' Lsienna u ħutu l-Għawdxin jibqgħu mfakkrin b'ittri li ma jitħassru qatt mal-ħajt tas-saqaf fejn 76 sena ilu huwa twieled u Għawdex laqgħu ma' wliedu.



Fil-waqt li nagħtu l-għomor lil ħuh, Patri Piju Rapa, O.P., Membru tal-Akkademja tal-Malti, u lil niesu, nissabbru magħhom fil-ħsieb li l-ħabib tagħna, li llum m'għadux fostna, isib fis-Sema l-mistrieħ ta' dejjem fis-Sliema tal-Mulej u l-premju li jistħoqqlu għall-ġid li għamel għal għajru u għal pajjiżu.

a.c.

---

# THE PASSION TREE, 1967

## *Ta'* WALLACE Ph. GULIA

*Lil Nancy, b'imħabbti.*

Ferrħitni dal-għodu s-siġra ta' Ġuda qed tħammar
taħt sem' ikħal nir;
fakkritni fil-jiem ta' żgħożiti
xħin ġrejna fil-wied, ħdejn l-ilqugħ
tal-ilma; w idejja f'idejk,
w għajnejja f'għajnejk,
l-ewwel xrara ta' mħabba għaddiet!

Kemm ġrajja għaddew
bil-ħajr u bin-niket,
bid-dmugħ u bil-ferħ!
Imm' ibqa', o Siġra
kull sena fakkarni.
ħajjarni,
bil-ħmura w bl-inwar
tal-imħabba ta' marti!

Ħammar, o Siġra, u ħabbar kull sena:
il-passjoni kif tiġi w itmur!
— Suffarell jaħraq nar,
leħħ sabiħ, xkattat min-nidien!
**IĦEĠĠEĠ W ISAĦĦAR!**
X'baqa'? —
L-imħabba, le tmut!